



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.2.2022
COM(2022) 35 final

2022/0023 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Franza – EGF/2021/007 FR/ Selecta**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stipulati fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament dwar il-FEG).
2. Fit-12 ta' Ottubru 2021, Franza ressqet l-applikazzjoni EGF/2021/007 FR/Selecta għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensji f'Selecta fi Franza.
3. Wara l-valutazzjoni li għamlet ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament tal-FEG, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew sodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

L-applikazzjoni tal-FEG	EGF/2021/007 FR/Selecta
Stat Membru	Franza
Reġjun(i) ikkonċernat(i) (livell NUTS ² 2)	Ir-reġjuni kollha Franċiżi tal-livell 2 tan-NUTS fi Franza kontinentali huma affettwati, ħlief Limousin (FRI2)
Id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni	12 ta' Ottubru 2021
Id-data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	26 ta' Ottubru 2021
Id-data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	26 ta' Ottubru 2021
L-iskadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	18 ta' Novembru 2021
L-iskadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	7 ta' Frar 2022
Il-kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament tal-FEG
L-intrapriża primarja	Selecta
In-numru ta' intrapriżi kkonċernati	1
Is-settur(i) tal-attività ekonomika (Id-Diviżjoni NACE Reviżjoni 2) ³	Id-Diviżjoni 46 (Kummerċ bl-ingrossa, għajr vetturi bil-mutur u muturi)

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

³ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

Il-perjodu ta' referenza (erba' xhur):	1 ta' Ġunju 2021 – 1 ta' Ottubru 2021
In-numru ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza (a)	294
In-numru ta' sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (b)	179
In-numru totali ta' sensji (a + b)	473
In-numru totali ta' benefiċjarji eliġibbli	473
In-numru totali ta' benefiċjarji fil-mira	473
Il-baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	4 766 930
Il-baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁴ (EUR)	26 360
Il-baġit totali (EUR)	4 793 290
Il-kontribuzzjoni tal-FEG (85 %) (EUR)	4 074 296

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Il-Proċedura

4. Franza ressqet l-applikazzjoni EGF/2021/007 FR/Selecta fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew sodisfati l-kriterji tal-intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG, fit-12 ta' Ottubru 2021. Il-Kummissjoni kkonfermat il-wasla tal-applikazzjoni u talbet informazzjoni addizzjonali minn Franza fis-26 ta' Ottubru 2021. Tali informazzjoni addizzjonali nġatat fi żmien 15-il jum tax-xogħol mit-talba. Id-data tal-għeluq ta' 50 jum tax-xogħol mir-riċevuta tal-applikazzjoni kompluta li fihom il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fis-7 ta' Frar 2022.

L-eliġibbiltà tal-applikazzjoni

L-intrapriża u l-benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni hija relatata ma' 473 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom f'Selecta waqfet. Din l-intrapriża topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-diviżjoni 46 tan-NACE Reviżjoni 2 (Kummerċ bl-imnut, għajr vetturi bil-mutur u muturi). Is-sensji huma mifruxa madwar Franza kontinentali kollha⁵.

Il-kriterji ta' intervent

6. Franza ressqet l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament tal-FEG, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati f'fornituri u fi produttori downstream u / jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet.
7. Il-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur għall-applikazzjoni huwa mill-1 ta' Ġunju 2021 sal-1 ta' Ottubru 2021, li matulu 294 ħaddiem nġataw is-sensja minn Selecta.

⁴ F'konformità mal-ħames paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691.

⁵ Limousin (FRI2) biss, li huwa reġjun tal-livell 2 tan-NUTS, ma huwiex ikkonċernat mis-sensji.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien ta' attività

8. Il-waqfien tal-attivitajiet tal-ħaddiema ssensjati tul il-perjodu ta' referenza ġie kkalkolat mid-data tan-notifika individwali tal-impjegatur dwar it-tkeċċija jew it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjeg tal-ħaddiema.

Benefiċjarji eliġibbli

9. Minbarra l-ħaddiema li diġà ssemmew, il-benefiċjarji eliġibbli jinkludu 179 ħaddiem issensjati qabel jew wara l-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur. Dawn il-ħaddiema kollha waqfqu l-attività tagħhom fi żmien sitt xhur qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza fl-1 ta' Ġunju 2021 u/jew bejn it-tmiem tal-perjodu ta' referenza u l-jum qabel l-adozzjoni ta' din il-proposta. Tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-avveniment li wassal għall-waqfien mill-attività tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza.
10. Għalhekk, in-numru totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 473.

Deskrizzjoni tal-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien mill-attivitajiet

11. Il-bejgħ mill-magni tal-bejgħ intlaqat ħażin ħafna mill-konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-pandemija tal-COVID-19. Skont EVA (l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Bejgħ u l-Kafè⁶), it-tnaqqis fil-bejgħ u fil-fatturat kien ħafna akbar fl-2020 milli matul il-kriżi ekonomika u finanzjarja⁷. F'April 2020, 58 % tal-operaturi tal-magni tal-bejgħ fl-Ewropa ddikjaraw telf ta' fatturat bejn 61 % u 99 %, sena wara sena. F'Settembru, 48 % tal-operaturi ddikjaraw tnaqqis fil-fatturat ta' bejn 21 % u 40 % sena wara sena⁸.
12. Fi Franza hemm madwar 600 000 magna tal-bejgħ, 70 % fin-negozji u 30 % fil-postijiet pubbliċi. Skont NAVSA⁹, l-Organizzazzjoni Franċiża għall-Bejgħ u s-Servizzi Awtomatiċi, għalkemm il-magni tal-bejgħ setgħu jkomplu joperaw matul il-pandemija, is-settur sab lilu nnifsu f'sitwazzjoni ta' inattività/funzjonament limitat. L-inattività kienet ikkawżata jew mill-għeluq tas-siti fejn kienu jinsabu l-magni (postijiet kummerċjali u pubbliċi bħall-ajruporti, stazzjonijiet ferrovjarji, eċċ.) jew min-nuqqas ta' aċċess għall-magni tal-bejgħ fis-siti miftuħa. L-aċċess għall-magni tal-bejgħ kien ristrett biex jiġi evitat li n-nies jinġabru fil-viċinanza tal-magni u mhux minħabba theddid għas-saħħa relatat mal-funzjonament tal-magni.
13. Meta ddgħajfu r-restrizzjonijiet marbuta mal-lockdown, l-aċċess għall-magni/għas-siti ġie ffaċilitat. Madankollu, il-miżuri sanitarji għadhom iwasslu għall-interruzzjoni jew għar-restrizzjoni tal-bejgħ mill-magni tal-bejgħ (eż. projbizzjoni fuq il-bejgħ ta' oġġetti mhux essenzjali; ir-rakkomandazzjoni li l-passiġġieri ma jikkonsmawx ikel u xorb fuq in-network tat-trasport pubbliku; eċċ.¹⁰). Barra minn hekk, it-telexoġhol massiv ikkawża tnaqqis kbir fil-konsum fuq il-postijiet tax-xoġhol. Il-maġġoranza

⁶ L-Assoċjazzjoni Ewropea tas-Servizzi tal-Bejgħ u l-Kafè (EVA) hija organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li tirrappreżenta l-interessi tas-servizz Ewropew tal-kafè u tal-industrija tal-bejgħ vis-à-vis l-Istituzzjonijiet Ewropej u awtoritajiet jew korpi rilevanti oħra.

⁷ [Planet Vending jikkwota mir-Rapport 8 ta' EVA](#)

⁸ EVA Report on the Economic Situation of European vending & Office Coffee Service (OCS) industry (Lulju 2021). Ir-rapport jislet minn tweġibiet tal-istħarriġ kemm mill-operaturi tal-magni tal-bejgħ kif ukoll mill-fornituri, għal firxa ta' mistoqsijiet fir-rigward tax-xenarju ekonomiku reċenti kif ukoll tal-aspettattivi tan-negozju għall-bqija ta' din is-sena u l-2022.

⁹ Communiqué de presse (Novembru 2020) <https://navsa.net/>

¹⁰ NAVSA. Report on the situation of the sector. Settembru 2020

(90 %) tal-operaturi Ewropej tal-magni tal-bejgħ irrapportaw li kienu affettwati minn persuni li jaħdmu mid-dar, peress li aktar minn 80 % tal-attività tal-bejgħ isseħħ fuq il-postijiet tax-xogħol¹¹. Fi Franza, in-negozji tal-magni tal-bejgħ fir-reġjun ta' Île-de-France tilfu 70 % tal-fatturat(Settembru 2020 sena wara sena) minħabba t-telexogħol¹².

14. Skont NAVSA, il-fatturat tas-settur fi Franza naqas bejn 50 u 90 % fl-2020 meta mqabbel mal-2019, u dan qiegħed f'riskju madwar 25 000 impjeg¹³. Għall-2021, il-previżjoni hija li l-attività tas-settur se tilħaq 25 % tal-livell ta' qabel il-pandemija¹⁴.
15. It-tnaqqis fl-għadd ta' viżitaturi f'postijiet fejn jinsabu l-magni tal-bejgħ ta' Selecta, wara l-lockdown, irriżulta fi tnaqqis drastiku fil-fatturat għal kull magna. Skont Selecta, minkejja l-irkupru tal-attività fis-sajf tal-2020, ir-riforniment tal-magni naqas b'47 %, meta mqabbel ma' Frar 2020, l-aħħar xahar qabel il-pandemija.
16. Selecta topera f'suq matur. Għalhekk, il-kompetizzjoni hija ħarxa u twassal għal prezzijiet baxxi tal-bejgħ għall-prodotti mibjugħin minn magni tal-bejgħ u tariffi għoljin imħallsa għall-ispazju mikri fejn jiġu installati l-magni. Dan inaqqas il-marġnijiet ta' profitt tal-operaturi.
17. Minkejja li nnegozjat mill-ġdid il-kuntratti f'tentattiv biex tnaqqas it-telf, li kien aggravat mill-kostijiet fissi u mit-tnaqqis fil-bejgħ, fl-2020 Selecta rreġistrat telf operatorju ta' EUR 60 miljun. Fl-ewwel nofs tal-2021, il-fatturat tjeb b'0,4 % meta mqabbel mal-2020. Madankollu, il-fatturat huwa madwar nofs (-48,3 %) ta' dak li kien fl-2019¹⁵.
18. Quddiem dawn id-diffikultajiet ekonomiċi, l-intrapriża fasslet pjan li jikkonsisti mir-riorganizzazzjoni tal-attivitàjiet u s-sensjar ta' 473 ħaddiem.

Impatt mistenni tal-għoti tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi

19. Ir-reġjun Île-de-France (32 %) u l-belt ta' Lille (13 %) kienu l-aktar li ġew affettwati mis-sensji f'Selecta.
20. L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li d-deterjorament tas-suq tax-xogħol f'Île de France, bħal fil-bqija ta' Franza, kien konsegwenza tal-kriżi tas-saħħa, u b'mod partikolari l-ewwel konfinament (is-17 ta' Marzu-l-10 ta' Mejju) li matulu l-attività ekonomika kważi waqfet. L-għadd ta' persuni qiegħda f'Île-de-France żdied bi 8,6 % (ir-raba' trimestru tal-2020sena wara sena), b'aktar minn miljun¹⁶ persuna rreġistrata li qed tfittex impjeg¹⁷ u b'rata tal-qgħad ta' 8,3 %. F'Ottubru 2021, ir-rata tal-qgħad kienet ta' 7,6 % u l-għadd ta' persuni li kienu qed ifittxu impjeg kien kemxejn inqas

¹¹ [Comunicaffe jikkwota r-rapport 8 ta' EVA](#)

¹² NAVSA. Report on the situation of the sector. Settembru 2020

¹³ [NAVSA Communiqué de presse \(Novembru 2020\)](#)

¹⁴ *Ibid.*

¹⁵ <https://www.droits-salaries.com/552014201-selecta/55201420101907-/T09321007764-accord-relatif-a-la-mise-en-place-d-un-dispositif-specifique-d-activite-partielle-longue-duree-apld--autres-temps-de-travail.shtml>

¹⁶ 1 058 690 persuna rreġistrata li qed tfittex impjeg.

¹⁷ https://idf.drieets.gouv.fr/sites/idf.drieets.gouv.fr/IMG/pdf/synthese_trimestrielle_2020t4.pdf

meta mqabbel mar-raba' trimestru tal-2020, iżda xorta iktar minn miljun¹⁸ persuna li qed tfittex xogħol¹⁹.

21. Fit-tielet trimestru tal-2021 sena wara sena, l-għadd ta' persuni li kienu qed ifittxu impjieg naqas b'1,8 % għall-irġiel u b'2,3 % għan-nisa f'Île-de-France. Skont il-grupp ta' età, l-għadd ta' persuni li qed ifittxu impjieg li għandhom inqas minn 25 sena naqas b'5,7 % u bi 3,2 % għall-grupp ta' età bejn 25 u 49 sena, filwaqt li l-għadd ta' persuni li qed ifittxu impjieg li għandhom 50 sena u iktar żdied bi 2,1 %²⁰.
22. Lille tikklassifika l-195 minn 321 żona ta' impjieg Franciża²¹. Ir-rata tal-qgħad irreġistrata fl-ewwel trimestru tal-2021 f'Hauts de France, fejn tinsab Lille, kienet ta' 9,4 %²². F'Ottubru 2021, 52 % tal-persuni qiegħda rreġistrati kienu rġiel u 48 % kienu nisa. Skont il-grupp ta' età, il-persuni qiegħda sa 30 sena kienu jirrappreżentaw 32 %; dawk ta' 54 sena u aktar kienu jirrappreżentaw 12 % u l-grupp ta' bejn 30 u 54 sena kien jirrappreżenta 56 %.
23. L-amministrazzjoni tax-xogħol Franċiża speċifikat li r-ristrutturar ta' Selecta affettwa l-bilanċ tal-impjieg fit-territorji kkonċernati. Konsegwentement, hija nnotifikat lill-intrapriża bl-obbligi tagħha rigward ir-rivitalizzazzjoni tal-impjieg f'tali territorji. L-intrapriża trid tippovdi azzjonijiet bħall-għajnuna diretta għall-impjieg, il-finanzjament ta' studji prospettivi, il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-fondi reċiproċi għar-rivitalizzazzjoni fir-reġjun, eċċ.²³ imfassla biex jippromwovu attivitajiet ekonomiċi ġodda u l-ħolqien ta' impjieg li jagħmlu tajjeb għal dawk li ntilfu.

L-applikazzjoni tal-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar

24. Franza ddeskriviet kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni ta' bidla u ta' ristrutturar. Skont il-Kodiċi tax-Xogħol Franċiż, kumpanija *in bonis* (jiġifieri mhux f'likwidazzjoni) u li timpjega 1 000 impjegat jew aktar hija responsabbli għall-kostijiet kollha tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol assoċjati għall-persunal li ngħata s-sensja bħala konsegwenza tar-ristrutturar organizzazzjonali għal erba' xhur. Fuq bażi volontarja, l-intrapriża tista' testendi l-perjodu obbligatorju ta' erba' xhur. Intervent mill-awtoritajiet pubbliċi huwa previst biss ladarba jintemmu l-miżuri pprovdu mill-intrapriża li tkun tat is-sensja.
25. L-awtoritajiet Franċiżi indikaw li l-persunal u r-rappreżentanti tal-union huma involuti mill-qrib fil-pjanijiet organizzazzjonali għall-adattament għall-bidla. Huma enfasizzaw ukoll li Selecta stabbiliet politika ta' taħriġ attiva ħafna li tmur ferm lil hinn mill-obbligi legali tagħha. Fl-2021, il-baġit għat-taħriġ għal kull ħaddiem kien 30 % ogħla milli fl-2019, bl-għan li jittejjbu l-impjegabbiltà u l-mobbiltà tal-persunal.

¹⁸ 1 035 750 persuna rreġistrata li qed tfittex impjieg.

¹⁹ https://idf.drieets.gouv.fr/sites/idf.drieets.gouv.fr/IMG/pdf/defm_ile-de-france_2021t3.pdf

²⁰ *Ibid.*

²¹ <https://ville-data.com/chomage/Lille-59-59350>

²² https://hauts-de-france.drieets.gouv.fr/sites/hauts-de-france.drieets.gouv.fr/IMG/pdf/suivi_du_taux_de_chomage_2021_t1.pdf

²³ <https://travail-emploi.gouv.fr/emploi-et-insertion/accompagnement-des-mutations-economiques/obligation-revitalisation-territoire>

26. Fir-rigward tal-attivitajiet li diġà twettqu għall-assistenza tal-ħaddiema ssensjati, Franza indikat li l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' akkumpanjament attivi tas-suq tax-xogħol parti mill-obbligu legali ta' Selecta bdiel immedjatament wara s-sensji.

Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

27. Franza kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn taħt li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma humiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew tas-sħab soċjali kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

28. Franza indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mal-persunal u mar-rappreżentanti tal-unjoni. F'serje ta' laqgħat bejn Selecta u CGT, FO, CFDT u CFE-CGC²⁴, il-partijiet tan-negozjati fasslu l-pakkett ta' miżuri biex jgħinu lill-impjegati kkonċernati. Dawn iċ-ċikli ta' negozjati interni bdew fl-14 ta' Ottubru 2020 u ntemmu fit-12 ta' Frar 2021.

Il-benefiċjarji fil-mira u l-azzjonijiet proposti

Il-benefiċjarji fil-mira

29. L-473 ħaddiem kollha ssensjati huma mistennija li jipparteċipaw fil-miżuri. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell edukattiv huwa kif ġej:

Kategorija		In-numru ta' benefiċjarji mistennija	
Il-ġeneru:	Irġiel:	367	(77,6 %)
	Nisa:	106	(22,4 %)
	Mhux binarji	0	(0,0 %)
Grupp ta' età:	Taħt it-30 sena:	36	(7,6 %)
	Bejn it-30 u l-54 sena:	348	(73,6 %)
	Aktar minn 54 sena:	89	(18,8 %)
Il-livell ta' edukazzjoni	Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew anqas ²⁵	141	(29,8 %)

²⁴ Confédération Générale du Travail (CGT), <https://www.cgt.fr/>
Force ouvrière (FO), <https://www.force-ouvriere.fr>
CFDT, <https://cfdt.fr/>

²⁵ Confédération Française de l'Encadrement CGC (CFE-CGC), <https://www.cfecgc.org/>
ISCED 0-2

Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell ²⁶ jew post-sekondarja ²⁷	189	(40,0 %)
Edukazzjoni terzjarja ²⁸	143	(30,2 %)

Il-miżuri proposti

30. Il-miżuri li għalihom l-awtoritajiet Franċiżi jfittxu kofinanzjament tal-FEG huma relatati mal-estensjoni tad-durata tal-liv għar-riallokazzjoni (“*congé de reclassement*”)²⁹, lil hinn mill-obbligu legali tal-intrapriża. Din il-miżura hija maħsuba għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja u għall-ħaddiema li fiż-żmien tat-tluq volontarju tagħhom, kien għad ma kellhom l-ebda pjan preċiż għar-riallokazzjoni u xtaqu jibbenefikaw minn miżuri ta’ taħriġ mill-ġdid, pariri, gwida jew assistenza għall-istabbiliment jew għall-akkwiżizzjoni ta’ negozju, eċċ.
31. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati jikkonsistu fil-miżuri li ġejjin:
- Servizzi ta’ konsulenza u gwida vokazzjonali: Il-ħaddiema se jkunu akkumpanjati u orjentati lejn il-proġetti tagħhom għar-riallokazzjoni bħala ħaddiema jew bħala persuni li jaħdmu għal rashom. Il-parteċipanti se jirċievu konsulenza u gwida dwar ix-xogħol, għajjnuna għat-tfittix ta’ impjieg, *coaching*, informazzjoni dwar it-taħriġ disponibbli, u promozzjoni tal-intraprenditorija. F’din il-miżura, il-ħaddiema se jiġu pprovduti b’opportunitajiet ta’ rikollokament li jirriżultaw minn tfittxija attiva ta’ impjieg imwettqa mill-ispeċjalisti.
 - Unità ta’ appoġġ psikoloġiku: L-appoġġ psikoloġiku fiżiku u online se jiġi pprovdut minn speċjalisti fil-prevenzjoni tar-riskju psikosoċjali f’kuntatti ta’ riorganizzazzjoni.
 - Taħriġ: Il-ħaddiema se jiġu proposti varjetà ta’ taħriġ li jkun mfassal għall-ħtiġijiet tagħhom, kif identifikat mill-konsulenti li jkunu qed jipprovdut s-servizzi konsultattivi. Xi eżempji ta’ taħriġ vokazzjonali possibbli huma: landscaper fl-ekoġardinaġġ, Bejjieġh tal-laħam CPA³⁰, Kok CPA, assistenza għal kok, technician fil-manutenzjoni industrijali, installatur termali u sanitarju, technician tal-bini intelliġenti (konness), liċenzjar tas-sewwieqa tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, makkinarju tal-kostruzzjoni SDC³¹ u l-krejnijiet SDC, care-

²⁶ ISCED 3

²⁷ ISCED 4

²⁸ ISCED 5-8

²⁹ Fir-rigward tal-liv għar-riallokazzjoni (“*congé de reclassement*”), l-Artikolu L1233-71 tal-Kodiċi tax-Xogħol Franċiż jipprevedi li kumpanija li timpjega aktar minn 1 000 persuna hija meħtieġa li tipproponi l-miżuri stabbiliti fih għal mill-inqas 4 xhur. Għalhekk, skont il-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq, il-perjodu mill-ħames xahar ma huwiex obligatorju u jista’ jkun soġġett għal kontribuzzjoni mill-FEG f’konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2021/691. Selecta ddeċidiet li tipproponi din il-miżura għal perjodu ta’ 12-il xahar. L-applikazzjoni ma tipprevedi l-ebda kontribuzzjoni għall-ewwel erba’ xhur tal-liv għar-riallokazzjoni, li jikkorrispondu maż-żmien minimu previst mil-liġi.

³⁰ CPA tfisser ċertifikat għall-aptitudni professjonali.

³¹ SDC tfisser ċertifikat tas-sewqan sikur

taker ta' bini bil-concierge CPA, eċċ. Huwa previst ukoll taħriġ fil-ħolqien tan-negozju għall-ħaddiema li lesti jaħdmu għal rashom.

- Kontribuzzjoni għall-ħolqien tan-negozju: Il-ħaddiema li jergħu jsibu impjieg bħala persuni li jaħdmu għal rashom se jirċievu sa EUR 6 000 biex ikopru l-kostijiet tal-istabbiliment, l-investment fl-assi, eċċ. Il-kontribuzzjoni se titħallas f'żewġ pagamenti ta' EUR 3 000. L-ewwel pagament isir mal-preżentazzjoni tal-prova tar-reġistrazzjoni tan-negozju³² jew tad-dikjarazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-persuna li taħdem għal rasha. It-tieni pagament wara li l-persuna turi li tkun ilha topera għal mill-inqas 12-il xahar.
 - Benefiċċju għal meta wieħed ikun qed ifittex impjieg. Dan il-benefiċċju ta' kull xahar jammonta għal 65 % tal-aħħar salarju gross tal-ħaddiem. Dan l-ammont jiġi kkalkulat abbażi tal-parteċipazzjoni full-time tal-ħaddiema f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol; jekk il-parteċipazzjoni tkun aktar baxxa, l-FEG jikkofinanza biss il-benefiċċju proporzjonat għall-parteċipazzjoni reali.
 - Benefiċċju għal impjieg mill-ġdid malajr. Il-ħaddiema li jirritornaw malajr għall-impjieg se jirċievu benefiċċju ekwivalenti għal 20-30 % tal-benefiċċju għal meta wieħed ikun qed ifittex impjieg³³ li kienu jirċievu kieku ma sabux ix-xogħol.
 - Inċentiv għar-rikollokament. Dan il-benefiċċju ta' kull xahar (sa sitt xhur) għandu l-għan li jikkompensa għat-telf possibbli ta' dħul meta ħaddiem issensjat jaċċetta impjieg ġdid (terminu permanenti jew fiss ta' mill-inqas sitt xhur) b'salarju aktar baxx. Il-benefiċċju jkun 80 % tad-differenza mas-salarju preċedenti, sa EUR 200 fix-xahar, għall-ewwel 3 xhur, u 50 % tad-differenza, sa EUR 100 fix-xahar, għat-3 xhur segwenti.
 - Kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ġarr u tal-installazzjoni. Il-ħaddiema li wara li jaċċettaw impjieg li jkun jinsab 60 km 'il bogħod jew aktar mid-dar tagħhom, jew li jinvolvi aktar minn 90 minuta ta' ħin tal-ivvjaġġar, iġorru għal dar eqreb lejn il-post tax-xogħol il-ġdid tagħhom (f'termini ta' distanza jew ħin tal-ivvjaġġar), jistgħu jirċievu kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ġarr sa EUR 2 000. Hija prevista wkoll kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-installazzjoni (EUR 500 għal kull adult u EUR 200 għal kull wild tal-unità domestika).
32. Il-pakkett ta' servizzi personalizzati koordinat propost, deskritt hawnhekk, jikkostitwixxi miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan il-miżuri eliġibbli, stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Is-servizzi proposti ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
33. Franza infurmat li Selecta regolarment toffri taħriġ għall-persunal tagħha fejn tingħata attenzjoni lill-ħiliet diġitali u l-ħiliet meħtieġa f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi. Il-parti tat-taħriġ tal-pakkett tal-FEG tinkludi t-taħriġ fis-software tal-uffiċċju u f'softwares oħra, u ċ-ċertifikazzjoni TOSA³⁴, li tipprovdi t-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, kif meħtieġ mill-Artikolu 7.1 tar-Regolament tal-FEG. F'każ li tiġi identifikata hteġa ta' taħriġ partikolari għal benefiċjarju speċifiku, it-taħriġ rilevanti jista' jiġi offrut.

³² Reġistrazzjoni fir-*Registre du Commerce et des sociétés (RCS)*.

³³ Jekk persuna terġa' ssib impjieg fl-ewwel tliet xhur tal-liv għar-riallokazzjoni, 30 %. Jekk bejn ir-raba' u s-sitt xahar, 20 %.

³⁴ Iċ-ċertifikazzjoni TOSA hija l-istandard internazzjonali għall-kejl tal-ħiliet tal-IT. www.tosa.org

34. Franza pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar miżuri li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma hijiex se tissostitwixxi azzjonijiet bħal dawn.

Il-baġit stmat

35. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 4 793 290 li jinkludu nefqa ta' EUR 4 766 930 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 26 360 għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar.
36. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 4 074 296 (85 % tal-kostijiet totali).
37. Il-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti minn Selecta.

Miżuri	In-numru stmat ta' parteċipanti	Il-kost stmat għal kull parteċipant (EUR) ³⁵	Il-kostijiet totali stmati (EUR) ³⁶
Is-servizzi personalizzati (il-miżuri skont l-Artikolu 7(2)(a) tar-Regolament tal-FEG)			
Servizzi ta' konsulenza u gwida vokazzjonali (<i>accompagnement congé de reclassement - salariés porteurs d'un projet personnel et salariés licenciés</i>)	443	2 174	963 200
Unità ta' appoġġ psikoloġiku (<i>cellule de soutien psychologique</i>)	473	17	7 800
Taħriġ (<i>formations</i>)	393	3 622	1 423 320
Kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' negozju (<i>accompagnement création d'entreprise</i>)	120	6 000	720 000
Subtotal (a): Il-perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati		—	3 114 320 (65,33 %)
Il-gratifiki u l-inċentivi (il-miżuri skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Benefiċċji għat-tfittix ta' impjieg (<i>allocation de congé de reclassement</i>)	200	8 027	1 605 300
Benefiċċju għal impjieg mill-ġdid malajr (<i>indemnité recrutement rapide</i>)	10	2 275	22 750

³⁵ Sabiex jiġu evitati d-deċimali, il-kostijiet stmati għal kull ħaddiem ġew ittondjati. Madankollu, l-ittondjar ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura, li jibqa' bħalma hemm fl-applikazzjoni sottomessa minn Franza.

³⁶ It-totali ma jaqblux minħabba li ċ-ċifri ġew ittondjati.

Inċentiv għar-rikollokament (<i>allocation différentielle</i>)	10	900	9 000
Kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ġarr u tal- installazzjoni (<i>aides à la mobilité: déménagement, frais d'installation</i>)	2	7 780	15 560
Subtotal (b): Il-perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		–	1 652 610 (34,67 %)
L-attivitajiet skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament tal-FEG			
1. L-attivitajiet preparatorji		–	9 560
2. Il-maniġment		–	16 800
3. Informazzjoni u pubbliċità		–	0 ³⁷
4. Il-kontroll u r-rapportar		–	0
Subtotal (c): Il-perċentwal tal-kostijiet totali:		–	26 360 (0,55 %)
Il-kostijiet totali (a + b + c):		–	4 793 290
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 % tal-kostijiet totali)		–	4 074 296

38. Il-kostijiet tal-miżuri identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. Franza kkonfermat li dawn il-miżuri jiddependu mill-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix tal-impjeg jew ta' taħriġ.
39. Franza kkonfermat li l-kostijiet tal-investimenti għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, il-ħolqien tan-negozji u l-akkwiżizzjoni minn impjegati ma humiex se jaqzbu t-EUR 22 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

40. Franza bdiet tippovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-1 ta' April 2021. Għalhekk, in-nefqa fuq il-miżuri se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' April 2021 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.
41. Franza bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva biex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Ottubru 2020. In-nefqa għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar għandha għalhekk tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Ottubru 2020 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

³⁷ L-awtoritajiet Franċiżi ma jitolbux kofinanzjament tal-FEG għall-attivitajiet ta' informazzjoni u pubbliċità, u lanqas għall-kontroll u r-rapportar. Huma se jagħmlu dawn l-attivitajiet bi spejjeż tagħhom stess.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

42. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Franza infurmat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita mid-Délégation générale à l'emploi et à la formation professionnelle (DGEFP) tal-Ministeru għax-Xogħol, l-Impjiegi, it-Taħriġ Vokazzjonali u d-Djalogu Soċjali, b'mod partikolari mill-unità Fonds national de l'emploi (DGEFP - MFNE). Il-pagamenti se jingħataw fl-iskema tad-DGEFP mill-unità Affaires financières (DGEFP - MAFI). Il-Commission Interministérielle de coordination des contrôles (CICC) hija l-awtorità tal-awditjar Franċiża għall-FEG. Selecta se tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Franċiżi se jikkonkludu ftehim ta' sħubija ma' Selecta.

L-impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

43. Franza pprovdiet l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward ta' dawn li ġejjin:
- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,
 - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew sodisfati,
 - Selecta, li ssoktat bl-attivitajiet tagħha wara s-sensji, ikkonformat mal-obbligi legali tagħha u pprovdiet għall-ħaddiema tagħha kif xieraq,
 - kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
 - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-ġħajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta baġitarja

44. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027³⁸.
45. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mmobilizzat għall-ammont ta' EUR 4 074 296, li jirrappreżenta 85 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
46. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar

³⁸ ĠU L 433, 22.12.2020, p. 11.

riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda³⁹.

Atti relatati

47. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 4 074 296 għal-linja baġitarja rilevanti.
48. Fl-istess ħin li adottat din il-proposta għal deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju⁴⁰. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

³⁹ ĠU L 433, 22.12.2020, p. 29.

⁴⁰ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Franza – EGF/2021/007 FR/ Selecta

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013⁴¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda⁴², u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjieġ deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jgħinhom jirritornaw għal xogħol deċenti u impjieġ sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093⁴³.
- (3) Fit-12 ta' Ottubru 2021, Franza ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema ta' Selecta fi Franza. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mal-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691.
- (4) Għalhekk, il-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 4 074 296 fir-rigward tal-applikazzjoni mressqa minn Franza.

⁴¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

⁴² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 29

⁴³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja tal-2022, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprova l-ammont ta' EUR 4 074 296 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

* *Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni f'*Il-ĠU*.*